21 ta' Lulju 2019
80/2019

**INAWGURAT IR-RESTAWR FUQ IL-KNISJA TAL-BIDNIJA**

Tlesta x-xogħol ta' restawr fuq il-Knisja tal-Familja Mqaddsa fil-Bidnija, xogħol li sar b'investiment ta' madwar €85,000 b'kofinanzjament ta' 80% minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Dan il-proġett ġie inawgurat dalgħodu mill-Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi u mis-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u d-Djalogu Soċjali l-Onor. Aaron Farrugia. Kien preżenti wkoll is-Segretarju Amministrattiv tal-Arċidjoċesi ta' Malta s-Sur Michael Pace Ross.

Matul il-konferenza tal-aħbarijiet ġie spjegat li x-xogħol ta' restawr sar fuq il-faċċata u l-ġnub tal-knisja, il-fontispizju, il-kampnar u z-zuntier. Ix-xogħol sar fuq medda ta' sitt xhur.

L-Isqof Galea-Curmi qal li l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett ta' restawr ifakkarna f'kemm hu importanti li nieħdu ħsieb il-patrimonju ta' pajjiżna u li nħarsuh għal-lum u għall-ġenerazzjonijiet futuri. Qal li l-Knisja hija impenjata tieħu ħsieb il-patrimonju tagħha. Appella biex is-soċjetà tieħu ħsieb dan il-wirt kulturali u reliġjuż li huwa espressjoni tal-fidi tal-poplu Malti tul is-snin u tal-imħabba tiegħu. L-Isqof Awżiljarju rringrazzja lis-Segretarjat għall-Fondi Ewropej tal-għajnuna tiegħu għall-ħarsien tal-identità tagħna l-Maltin, u lil kull min ħadem fuq dan il-proġett.

Is-Segretarju Parlamentari Aaron Farrugia qal li permezz ta' proġetti bhal dawn qegħdin inrawmu sens ta' rispett lejn il-wirt kulturali tagħna, bl-għan li l-poplu Malti u Għawdxi jkun kburi bil-wirt storiku u reliġjuż li jagħmel parti fundamentali mill-identita' tiegħu. "Ir-restawr tal-knisja tal-Bidnija huwa parti minn proġett ikbar ta' konservazzjoni tal-wirt tagħna li bih qed insaħħu wkoll il-komunitajiet, kif ukoll parti minn viżjoni fit-tul tal-Gvern biex intejbu l-ħajja tan-nies fl-irħula u l-villaġġi tagħhom."

Fid-diskors tiegħu s-Sur Michael Pace Ross qal li dan hu l-ewwel xogħol estensiv ta' restawr li qatt sar fuq din il-knisja minn meta nbniet fl-1920. Fisser kif il-knisja saret iktar aċċessibbli għall-persuni bi bżonnijiet differenti.

Il-Knisja tal-Bidnija hi waħda mill-knejjes f'Malta li bbenefikat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2014-2020.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**